KLR 55/VII/2017

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ġimgħa 28 ta' Lulju 2017 fis-19.15.

PREŻENTI: Is-Sindku Dott. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri, Joseph Debrincat, Maria Portelli u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI: Il-membri Michel Buttiġieġ u Anthony Briffa.

**55.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

Ġew approvati wkoll il-minuti tal-laqgħa tal-lokalita' li saret il-Ġimgħa 13 ta' Jannar 2017. Dan skont dokument A anness.

**55.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

55.2.1 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-iżbilanċ finanzjarju għas-sena 2016. Il-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv attendew laqgħa li ntalbet mid-Direttur, nhar il-Ġimgħa 21 ta' Lulju 2017. Is-Sindku stieden lill-*Accountant* John Buttiġieġ sabiex jidħol fil-kamra ħalli jispjega fid-dettall x'wassal għal dan l-iżbilanċ.

L-*accountant* irrimarka li l-iżbilanċ irriżulta mid-differenza bejn l-assis kurrent u l-*current liabilites*. Skont dokument B, il-problema tal-likwidita' ilha teskala għal diversi snin. Il-valur tal-assi kurrenti dejjem kienu inqas mill-valur tal-*current liabilites* tal-Kunsill. Id-diskrepanza bejn l-assi kurrenti u l-*current liabilites* żdiedet konsiderevolment meta ddaħlet l-iskema PPP. Kredituri oħra rriżultaw minn proġetti kapitali maġġuri li l-Kunsill kien involut fihom u li ma kienux koperti fit-totalita' tagħhom mill-fondi tal-Unjoni Ewropeja.

L-*accountant* irrimarka wkoll li fl-2016, sar *reversal* tal-*accrued income* mill-kotba tal-Kunsill. Dawn kienu jikkonsistu f'wegħdi t'għajnuna finanzjarja mill-MEPA fuq ż-żewġ proġetti li saru bejn l-2006 u l-2009. Il-Kunsill baqa ma rċeviex il-fondi tal-MEPA li kienu €93,286 fuq il-proġett ta' Pjazza San Ġorġ u €38,626 fuq ix-xogħol li kien sar fi Pjazza J. F. Kennedy. Dawn il-fondi kienu nklużi fl-*accrued income* għal-diversi snin pero' qatt ma ntbagħtu mill-MEPA. Ir-riżultat ta' dan ir-*reversal* kien ta' €131,922 inqas fl-assi kurrenti.

Għalkemm saru diversi sforzi mill-Kunsill, is-sitwazzjoni ta' likwidita' tal-Kunsill ma tantx tjiebet. Huwa kompla jgħid li bis-sitwazzjoni preżenti l-Kunsill ma jistax jidħol għall-spiżi kapitali oħra qabel l-iżbilanċ finanzjarju jiġi rimedjat.

Il-Kunsill jinnota l-osservazzjonijiet u r-rimarki tal-*Accountant* John Buttigieg u jinnota illi minkejja diversi sagrifiċji matul is-sitt u s-seba' Kunsill, xorta baqa żbilanċ finanzjarju. Il-Kunsill jinnota wkoll li mhux jonfoq iktar milli jdaħħal finanzi u bil-verita' jekk tneħħi d-dejn akkumulat issib *surplus* fil-finanzi. Il-Kunsill kommess li jlesti l-progetti li għandu jlesti u ma jidħolx għal spejjes kapitali ikbar sabiex jittaffa kemm jista' jkun dan l-iżbilanċ.

Tressqet korrispondenza mingħand:-

55.2.2 L-Onor. Silvio Parnis maħtur Segretarju Parlamentari għal Gvern Lokali fejn wera kif jixtieq li jaħdem matul din il-leġislatura tal-Gvern u ser jiltaqa' mas-Sindku u mal-membri tal-Kunsilli ta' Malta u Għawdex;

55.2.3 is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun rigward inizjattiva li nħarġet mid-Dipartiment għal-Gvern Lokali dwar għoti mill-ġdid ta' tarmak lil toroq fir-responsabilita' tal-Kunsilli Lokali. Il-massimu li jista' jieħu l-Kunsill tar-Rabat hu €8,800 u l-membri qablu li l-Kunsill għandu japplika sabiex jingħata tarmak ġdid fi Triq Sir Arturo Mercieca;

55.2.4 il-Minsteru għall-Affarijiet Ewropej fejn intbagħat il-*Project Closure Report (PCR) OPI* rigward il-proġett tal-ERDF. Kopja tiegħu tinsab annesa f'dokument Ċ;

55.2.5 l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward dokument ta' proposti għall-swieq fil-beraħ u dokument għall-proposti għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet;

55.2.6 l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward inizjattiva MCCF;

55.2.7 Joseph Cutajar, Assistent Direttur EcoGozo fejn ġie suġġerit li jsiru *bicycle stands*. Il-membri qablu li għandu jiġi propost li dawn isiru fil-*bus terminus*, maġenb il-Banca Giuratale fuq il-latrina tal-irġiel u maġenb il-Minsiteru għal Għawdex;

55.2.8 l-ARMS fejn ħarġet notifika li jekk ma jitħallasx il-kont tal-ilma tal-latrina ta' Pjazza Indipendenza, ser jinqata' s-servizz. Il-Kunsill qatt ma ħallas dawn il-kontijiet peress li ma jgħajtux lilu u l-latrina mhix devoluta lill-Kunsill;

55.2.9 l-Ing. Mario Cauchi mid-Dipartiment Proġetti u Żvilupp rigward korripsondenza li rċevew mingħand l-ARMS fuq ilma eċċessiv li qed jintuża fil-latrina ta' Triq taħt Putirjal. Il-Kunsill għandu jara jekk hemmx ħsara fuq ġewwa f'din il-latrina peress li l-manteniment tagħha jaqa' f'idejn il-Kunsill;

55.2.10 Paula Portelli sid il-ħanut *Black Cat Cafe'* fi Triq Vajrinġa. Hi talbet sabiex tkun tista' tpoġġi xi mwejjed u siġġijeit fuq il-bankina ta' quddiem l-iskola primarja. Il-membri ma qablux minħabba l-fatt li l-iskala tibqa' tintuża għall-Skolasajf;

55.2.11 il-Perit Guido Vella għan-nom ta' Rowena Debrincat li qed titlob li tarma trakk bil-bejgħ tal-frott u ħaxix fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus*. Fit-talba l-Perit kiteb li Debrincat issa għandha bżonn tuża 12.5 metri. Il-Perit għandu jikkjarifika dan u jgħati l-qies eżatt b'metri kwadri;

55.2.12 l-Uffiċjal Legali fi ħdan id-Direttur Ġenerali għal-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li l-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali approva l-porposta tal-*bye-law* dwar xorb f'kntenituri tal-ħġieġ u l-konsum ta' alkoħol f'postijiet pubbliċi – Kunsill Lokali Victoria. Din tinsab annessa f'dokument D;

55.2.13 Emanuel Galea fejn talab il-Kunsill sabiex il-*band* tiegħu (MAE) tipparteċipa fl-attivita' ta' lejliet l-ewwel tas-sena. Din it-talba ser tiġi kkunsidrata meta tiġi diskussa l-attivita';

55.2.14 il-Perit Alexander Bigeni fejn bagħat żewġ ittri separati għan-nom ta' Sue Ellen Mizzi u George Mario Mizzi. Il-membru Portelli ħalliet il-kamra waqt li kien qed jiġi diskuss dan il-punt minħabba li tiġi mill-aħwa Mizzi. It-talba hi sabiex Mizzi li jħallsu l-permess ta' *street hawker (non-food and beverage items),* jibdew joperaw f'sit (3m X 6m) fi Triq Salvu Psaila. Il-membri ma jaqblux ma dan peress li jinsisitu li din l-attivita' ssir biss fi Pjazza Savina fejn issa ser ikun hemm il-monti. Ta' min jinnota li l-bejjiegħa simili li jkunu fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus* huma mingħajr il-peress tal-Kunsill;

55.2.15 il-kumpanija 'Headstart' rigward il-*Community Innovation Fund*;

55.2.16 Wasteserv rigward il-*European Week for Waste Reduction* (EWWR);

55.2.17 il-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-Ġimgħa Ewropea tal-Mobilita';

55.2.18 Camilla Appelgren fejn għarrfet lill-kunsill bil-proġett ta' tindif li qed tagħmel madwar Malta u Għawdex.

## 55.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

55.3.1 Rigward il-kjosks tal-ikel fil-festi, li jarmaw fit-tiġrija taż-żwiemel fil-festa ta' Santa Marija, il-kunsill ma ħariġx permessi fi Triq Repubblika u Triq Fortuanto Mizzi. Din kienet ix-xewqa tas-Soċjeta' Filarmonika Leone. Il-kunsill ħareġ biss permess wieħed fi Triq Fortunato Mizzi fejn m'hemmx armar tal-festa, għall-kjosk żgħira li tbiegħ il-ġelat. Il-membri qablu li s-Soċ. Fil. Leone għandha tiġi kkonsultata jekk taqbilx li jinħarġu permessi ta' kjosks fi Triq Forunato Mizzi mill-Villa Rundle l-isfel, fejn m'hemmx armar tal-festa.

55.3.2 Is-Sindku għarraf lill-preżenti li fis-27 ta' Ġunju 2017 inqatgħet is-sentenza rigward il-kas Joseph u Rita Grima konjugi vs Is-Sindku u is-Segretarju Ezekuttiv għan-nom tal-Kunsill Lokali Victoria.

55.3.3 Minħabba li l-*bins* il-blu li fihom jinġabbaru ħwejjeġ użati, li jinsabu fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus*, kienu qed iġibu magħhom rimi illegali, il-Kunsill talab siti alternattivi fejn dawn jistgħu jitpoġġew. Il-kuntrattur li jieħu ħsiebhom issuġġerixxa ħames siti alternattivi u l-membri qablu li dawn jitneħħew mill-parkeġġ il-kbir u minflok jitpoġġew fil-parkeġġ ta' biswit l-Arkadia maġenb l-entratura tal-iskola sekondarja tal-bniet.

## 55.4 Monti

Il-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 05/2017 fl-ismijiet Mary Cassar et vs Dott. Samuel Azzopardi *et nomine* ġie miċħud mill-Qorti u allura l-Kunsill seta issa jibda' jieħu ħsieb il-preparamenti li kien miżmum milli jwettaq minħabba l-istess mandat. Il-membri qablu li dritt wara l-festa ta' Santa Marija l-monti jkun jista' jibda' jopera minn Pjazza Savina. Il-bejjiegħa tal-monti għandhom jiġu avżati bid-data meta jistgħu jibdew jarmaw fi Pjazza Savina. Din tkun il-Ġimgħa 18 t'Awwissu 2017.

Sadanittant wħud mill-bejjiegħa tal-monti fetħu kawża oħra (25/2017) li nstemgħet l-ewwel darba l-Ġimgħa 23 ta' Ġunju 2017.

Wħud mill-bejjiegħa tal-monti resqu protest ġudizjarju (numru 22/2017) quddiem il-qorti li jirrigwardja t-trasferiment tal-monti fi Pjazza Savina.

## 55.5 *Playing Field*

Il-bażi tal-konkos li fuqha ser isir il-*fencing* permanenti tlestiet. Il-*fencing* għandu jitpoġġa kemm jsita jkun malajr.

## 55.6 130 sena Anniversarju Belt Victoria – *post mortem*

Il-membri qablu li l-attivitajiet li saru kienu suċċess u l-Kunsill għandu jikkunsidra li l-kunċert tal-Orkersta Filamonika Nazzjonali jsir kull ħames snin.

## 55.7 Problemi marbuta mat-tindif u immaniġjar tal-iskart

Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li attendiet laqgħa fid-Direttorat tat-Turiżmu nhar l-24 ta' Lulju 2017 rigward l-indafa fir-Rabat. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti John Żerafa, *Chief of Staff* tal-Ministeru għal Għawdex, Esther Bajada, Direttur għat-Turiżmu, Mark Formosa Direttur għall-Proġetti u Żvilupp, l-Ing. Joe Bajada u Henry Cefai mid-Direttorat għall-Proġetti u Żvilupp. F'din il-laqgħa ġew diskussi diversi *items* li jitrattaw l-indafa fir-Rabat. Diversi punti ġew irrappurtati u tranġaw. Is-Sindku wkoll għarraf lill-membri li tkellem mal-Minsitru għal-Għawdex, l-Onor. Justyne Caruana rigward din il-materja.

Nicholas Zammit li hu l-kuntrattur tat-tindif tat-toroq u tal-ġbir tal-iskart goff talab sabiex jiltaqa' mal-Kunsill rigward din il-materja. Ġie mistieden jidħol fil-kamra u wara li ressaq il-problemi li jiltaqa' magħhom, il-membri qablu li l-akkumulu ta' boroż li jintefa' illegalment fi Triq Ġorġ Borġ Olivier, Qasam San Ġorġ fejn il-*litter bins* u fi Pjazza Indipendenza, jibda' jinġabar kmieni filgħoud mat-tbattil tal-*litter bins*. Il-ħlas għandu jkun ta' €60 fil-ġimgħa li jkopri t-*tipping fees*. Dan għandu jsir matul ix-xahar t'Awwissu 2017.

Il-membri qablu li tinħareġ offerta għax-xiri ta' sitt *litter bins* għaċ-ċentru tar-Rabat, sitt *litter bins* għall-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*Bus Terminus* u sitt *litter bins* oħra għall-*playing field*. Il-*litter bins* għaċ-ċentru tar-Rabat għandhom ikunu bħal dawk eżistenti.

Is-Sindku għarraf lill-membri li l-kumitat tar-Reġjun Għawdex ser jibgħat il-veduti tiegħu lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fir-rigward tal-problemi li nħolqu minn meta f'Għawdex ġiet introdotta s-sistema tal-ġbir tal-iskart organiku.

**55.8 Immaniġjar tat-Traffiku**

*Transport Malta* (TM) ħarġet permess għall-:-

55.8.1 *un/loading bay* quddiem 'The Animal Doctor' fi Triq Karlu Galea;
55.8.2 *traffic mirror* fejn blokk A f'Taċ-Ċawla H.E.;
55.8.3 *one metre double yellow lines* mal-garaxx fi Triq l-Universitas.

Il-Kunsill talab il-permess ta' TM għall:-

55.8.4 *double yellow lines* mal-garaxxijiet ta' 'Craig Court, fi Triq Għajn Qatet,
55.8.5 *double yellow lines* mal-garaxxijiet ta' 'Evergreen' u 'Stars and Stripes' fi Triq Muniċipju Ruman;
55.8.6 *double yellow lines* mal-garaxx ta' 67, Triq il-Kunsill Ċiviku;
55.8.7 *double yellow lines* mar-rampa ta' 'Kwiksave' fi Triq Ninu Cremona;
55.8.8 *double yellow lines* mal-garaxx ta' Carmel Portelli fi Triq il-Wied;
55.8.9 *double yellow lines* mal-garraxx ta' 'Madonna tal-Grazzja', Triq il-Kapuċċini.

55.8.9 Tressqu l-ispeċifikazzjonijiet ta' kif huma permess li jsiru r-*road humps*. Wara li saret diskussjoni qasira l-membri qablu li l-Kunsill għandu jipproponi li fl-ewwel parti ta' Triq Vajringa kantuniera ma Pjazza San Franġisk isiru *rumble strips* minflok ir-*road hump* li kien hemm qabel. Dan minħabba s-sewqan eċċessiv li jkun hemm f'din il-parti tat-triq. Il-membri qablu wkoll li l-kunsill għandu jieħu l-veduta tar-residenti qabel jintalab il-permess biex isiru r-*rumble strips*.

**55.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti**

Ġew approvati l-kontijiet għax-xhur ta' Lulju u Awwissu 2017 skont id-dokumenti E u F annessi.

**55.10 Xogħolijiet oħra**

*Dawl tat-toroq*

55.10.i Dwar il-bozza fi Triq Karolina Cauchi intbgħatet ittra lir-residenti fejn ġew infurmati bil-problemi li tqajmu minn meta tneħħiet din il-bozza. Ir-residenti ġew mistoqsija jekk jaċċettawx li teħel id-*demarcation box* mal-propjeta' tagħhom sabiex il-Kunsill ikun jista' jpoġġi arblu bil-bozza. Sadanittant il-Kunsill irċieva korridpsondenza mingħand Mario Galea li hu resident f'din it-triq. Galea qal li d-*demarcation box* tista' faċilment titpoġġa mal-arblu tal-bozza stess. Bagħat ukoll ritratti li juri arblu fi Triq Santa Dminka li fuqu hemm id-*demarcation box*. Il-Kunsill talab il-parir tal-Enginiera tad-dawl rigward dan.

55.10.ii Dwar bozza ġdida fi Triq Repubblika, sid id-dar 133, aċċetta li din teħel mal-propjeta' tiegħu, pero' l-Enġiniera tad-dawl infurmaw lill-Kunsill li l-linji tal-Enemalta ma jistgħux jiġu estiżi sa dan il-post minħabba l-gallerija. L-Enemalta qed tissuġġerixxi li din teħel fejn hemm il-Maltapost qabel.

55.10.iii Rigward iż-żieda ta' bozzoz fi Triq Sant Ursola kien hemm diversi residenti li wrew il-qbil li teħel bozza mal-porpjeta' tagħhom. Id-dettalji għandhom jingħataw lill-Enġiniera tad-dawl sabiex jiddeċiedu fuq liema postijiet għandu jiżdied id-dawl.

55.11 Il-membri qablu li jsiru l-preparamenti neċessarji sabiex jinżabru s-siġar tal-parkeġġ il-kbir u ta' Pjazza l-Assedju t'Għawdex.

**55.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fid-21.15 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Erbgħa 20 ta' Settembru 2017 fis-18.00.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |